MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2007

Numru. 606/2007

**Il-Pulizija
(Supretendent Mario Bonello)**

**vs
Emanuel Enriques bin Carmel u Mary nee' Mizzi, imwieled fis-16 ta' Dicembru, 1951 u residenti Flat 1, Eden Court, Triq San Lawrenz, San Lawrenz, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita' numru 80651(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Emanuel Enriques li gie akkuzat talli nhar id-29 ta' Mejju, 2007, ghal habta ta' nofs inhar bhala l-persuna responsabbli mill-fond kummercjali bl-isem Noel Store, fi Triq Sir Mikelang Refalo, Rabat, Ghawdex:

1) espona ghall-bejgh artikli barra l-post imsemmi b'tali mod li holoq ostaklu ghan-nies li jkunu ghaddejjin bil-mixi kif ukoll b'tali mod li eccedew 50 centimetru mill-istess bankina;

Rat l-imputazzjoni;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u senjatament l-Artikolu 13 ta' l-Avviz Legali 1/2006;

Billi ma ngabitx prova dwar il-licenzja li ghandha fil-pussess tieghu l-imputat u cioe' jekk huwa ghandux licenzja mahruga taht id-dispozizzjoni ta' dina l-ligi u kwindi tapplika ghalih it-Tieni Skeda ta' l-Avviz Legali 1/2006 jew licenzja tal-Pulizija;

L-akkuza ma tirrizultax pruvata u ghalhekk il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------